MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1808/2004

**Jeffrey Zahra (ID No.86462M)**
**vs**
**Malta Transport Authority u b'digriet tal-20 ta' Jannar, 2005 gie kjamat in kawza il-Kunsill Lokali tan-Naxxar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Settembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' elf u erba' mija u disgha u disghin lira Maltija (Lm1499.00) jew somma ohra verjuri rappresentanti danni li sofra l-attur meta kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru FTW 600 fil-5 t'Ottubru, 2003 fi Triq ir-Ramla limiti tan-Naxxar/Maghtab u huwa habat ma' central strip li ma kienetx immarkata sewwa b'sinjali u/jew dwal, bir-risultat illi gew ikkagunati hsarat kbar fuq il-vettura tieghu.**
**Dan l-incident huma ghalih unikament responsbbli l-Awtorita` konvenuta billi naqset milli tipprovdi sinjali**

**u/jew dwal kif kienu obbligati li jaghmlu u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali datata 12 ta' Novembru, 2003 u tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Dicembru, 2003 kontra l-Awtorita` konvenuta u tal-parir Lm15 u bl-imghax legali kontra l-istess Awtorita` ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-Awtorita` konvenuta prezentata fis-26 ta' Ottubru, 2004 fejn intqal :**
**i. illi preliminarjament l-Awtorita` konvenuta m'hijiex il-legittimu kontradittur u dan kif jista` jigi pruvat fil-mori tal-kawza ;**
**ii. illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi id-danni allegati mill-attur m'huma bl-ebda mod imputabbli lill-Awtorita` mittenti izda sehhu semplicement u unikament bhala rizultat ta' negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur ;**
**iii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**
**Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.**

**Ra r-risposta tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar prezentata fl-4 ta' Marzu, 2005, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-Kunsill Lokali ma kienx responsabbli ghad-danni li setghu gew sofferti mill-attur.**

**Semgha x-xhieda tal-Perit Walter Portelli, Sandro Zahra, Keith Ellul, PS321 Alan La Grasta, Horace Gerada, Darren Borg, Philip Attard u Paul Gatt. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh bil-lejl fil-5 t'Ottubru, 2003 fi triq ir-Ramla limiti tan_naxxar, meta l-motorcycle bin-numru FTW-600 misjuq mill-attur baqa diehel f'central strip li tinsab f'dik it-triq.**

**2. L-ewwel punt li ghandu jigi stabilit huwa dwar min hu responsabbli ghac-central strip li fiha baqa' diehel l-attur.**
**3. Mill-provi mismugha, u senjatament dik tal-Perit Walter Portelli, li qieghed fin-Network Infrastructure Directorate tal-Awtorita` attrici, jirrizulta li Trqi ir-Ramla hi « local acess road », vide is-site plan a fol.9 tal-process, u taqa' taht ir-responsabilita` tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar, u dana skond l-Att tal-Kunsilli Lokali u l-Malta Structure Plan. Ir-responsabilita` tal-manutenzjoni taghha taqa' taht il-Kunsill Lokali wkoll. Jirrizulta li llum din is-« central strip » tnehhiet. Paul Gatt, Segretarju Ezekuttiv ghall-Kunsill Lokali tan-Naxxar, jikkonferma dan. Ghalhekk l-Awtorita` konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.**
**4. Fit-tieni lok ghandu jigi stabbilit jekk fil-fatt kienx hemm tassew « central strip » illi addirittura wiehed ma setghax jinduna biha waqt li qed isuq.**
**5. Mid-deposizzjoni tal-istess attur, ta' Sandro Zahra, Keith Ellul, Horace Gerada u Darren Borg jirrizulta li dak in-nhar tal-incident kien hemm deviazzjoni mill-Coast Road ghall-Triq ir-Ramla, minhabba incident iehor li kien sehh fil-Coast Road. Jirrizulta li l-attur u shabu li kienu lkoll bil-mutur gew devjati ghall di nit-triq. Jirrizulta wkoll li fsalt Sandro Zahra ra lill-attur li kien quddiemu joghla. Dana sehh minhabba li habat mas-central strip.**
**6. Jirrizulta ampjament mhux biss mix-xhieda hbieb tal-attur, izda partikolarment mix-xhieda ta' PS321 Alan La Grasta, li sinjali ma kienx hemm mas-central strip u li Triq ir-Ramla mhix imdawla. Irrizulta li ma kien hemm ebda sinjal li jindika din is-central strip.**
**7. Paul Gatt jghid li trukkijiet li haddu minn hemm ikissru s-sinjali li jkun hemm. Dan ifisser biss li la darba wiehed hu konxju ta' dan l-istat ta' fatt, wiehed irid jippresta aktar attenzjoni, u manutenzjoni fil-post. Ghalhekk il-Kunsill ma jistghax jezimi ruhu mir-responsabilita` billi jghid li kien jadopera d-debita diligenza biex jara li jkun hemm sinjali.**
**8. Ma jreggix l-argument tal-abbli difensur tal-kjamat in kawza li ml-attur dahal fis-central strip li qiegheda**

**fin-nofs, ghax dan ma kienx qed isuq fuq ix-xellug, izda ghal nofs it-triq.**

**9. Ir-ritratti Dok.JZ1 u JZ2 juru l-istat li fih kienet tinsab l-imsemmija central strip, u t-tribunal ma jimmeraviljax ruhu, li min qed isuq, fi triq mudlama, ma rahiex. Ma jirrizultax li Jeffrey Zahra kien b'xi mod negligenti fis-sewqan tieghu, u ma kienx ghaddej b'xi velocita` eccessiva. Ghalhekk Il-Kunsill ghandu jigi ritenut responsabbli ghad-danni li sofra l-attur.**

**10. Dwar id-danni fil-mutur xehed is-surveyor Philip Attard, u dana jikkonferma s-survey li ghamel li tinsab esebita a fol.53 u 54 tal-process. Dok. PA1 sa PA4 juru d-danni fil-mutur. Ghalhekk l-ammont reklamat jinsab pruvat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jillibera lill-Awtorita` konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-kjamat in kawza, il-Kunsill Lokali tan-Naxxar, ihallas lill-attur is-somma ta' elf u erba' mija u disgha u disghin lira Maltija (Lm1499.00) bl-imghax legali mill-11 ta' Frar, 2005.**

**L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-Kjamat in kawza, salv l-ispejjez tal-konvenut li ghandhom jigu sopportati mill-attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------